# Il-Koppla tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ



Karmenu Borg
Sagristan tal-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ



Kienu ħafna n-nies li staqsewni minn huma dawk il-profeti u santi padri tal-koppla tagħna. Bil-għajnuna tal-W.R. Mons Lawrenz Cachia, tas-Superjur Nikola Balzan u tas-Sur Philip Chircop kif ukoll tal-ktieb "Storja ta' Ħaż-Żebbuġ" ta' Luret Vella ġbart dan it-tagħrif.

Kien il-Perit Tumas Dingli minn Ħ'Attard li ddisinja l-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ li għandna llum[1]. Tumas kien wieħed mill-aqwa periti li qatt kellha Malta. Fost knejjes oħra li bena dan il-perit insemmu dik tan-Naxxar, il-qadima tal-Mosta[2], u dik ta' Ħ'Attard.

Fuq it-tieqa faċċata tal-altar maġġur hemm is-sena 1632 meta tlestiet il-koppla u b'hekk ingħalqet il-binja tal-knisja. Damet tinbena b'kollox għaxar snin – żmien qasir għal monument hekk kbir u għal dak iż-żmien. Iżda rrid ngħid li dak inhar ma kienetx tad-daqs li hija llum.

Ħafna snin wara, fi żmien l-Arċipriet Dun Alwiġ Attard[3] saru ħafna xogħlijiet fil-knisja fosthom il-pittura tal-koppla. Dun Alwiġ qabbad lill-artist Żebbuġi Lazzru Pisani biex ipitter il-koppla. Pisani pinġa kwadri tat-tmien Beatidnutijiet b'dawn l-iskrizzjonijiet bil-Latin taħthom:

1. Beati pauperes spiritu – imberkin il-foqra tal-ispirtu – taħt il-pittura tal-Profeta Daniel.;
2. Beati mites – imberkin il-mansweti – taħt il-pittura ta' Mose.
3. Beati qui lugent – imberkin dawk li jikbru – mal-pittura ta' Ġeremija.
4. Beati qui esuriunt et sitiunt justitiam – imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja –mal-pittura tal-Profeta Elija.
5. Beati qui patiuntur perscutionem propter justitiam – imberkin dawk li jsofru persekuzzjoni minħabba l-ġustizzja. Il-pittura turi s-Sultan David.
6. Beati pacifici – imberkin dawk li jġibu l-paċi. Il-pittura turi lil Abel.
7. Beati mundo corde – imberkin ta' qalbhom safja. Fil-pittura tirrappreżenta lil Ġużeppi mibjugħ minn ħutu.
8. Beati misericordes – imberkin dawk li jħennu. Fil-pittura jidher Tobija x-xiħ.



Fil-lunetti ta' taħt il-koppla jidhru erba' pitturi




*Il-koppla minn ġewwa*

kbar tas-santi padri tal-knisja, li tagħhom hemm ukoll statwi żgħar tal-fidda fuq l-artal maġġur. In-naħa tas-sagristija l-ġdida hemm San Girgor il-Kbir li għandu l-kuruna tat-trirenju tal-Papa. In-naħa l-oħra fuq il-maġġur (n-naħa tas-sagristija l-qadima) hemm Santu Wistin bil-mitra ta' Isqof. Faċċata ta' Santu Wistin jidher San Ġwann Krisostmu Isqof bl-ilbies liturġiku Biżantin. Fir-raba' lunetta hemm San Atanasju, isqof Bizantin ukoll.

Fil-koppla nsibu żewġ kitbiet bil-Latin. Dik li tinsab fuq il-friż tgħid hekk: JESUS ASCENDIT IN MONTEM ET APERIENS OS SUUM DOCEBAT (Ġesù tela' fuq il-għolja u fetaħ fommu u beda jgħallem)[4].

Il-kitba fil-friż ta' taħt hija: PHILIPPUS IN TERRIS VISUS EST UT ESSET EXEMPLO; IN COELUM LEVATUS EST UT SIT PATROCINIO (Filippu deher fuq l-art biex ikun xempju (għalina); Hu kien imtella' s-sema biex ikollna l-Patroċinju (il-ħarsien) tiegħu)[5].

Kemm kienu għaqlin niesna li għamlu dawn l-opri fil-koppla tal-knisja tagħna biex min jarhom jaħseb fuq il-ġudizzju li jrid jiġġudikana Alla l-imbierek wara mewtna! Ejjew inħarsu 'l fuq u naħsbu ftit fil-ġudizzju tagħna u nitolbu lil San Filep biex hu jidħol għalina quddiem Alla l-imbierek.

**Referenzi**

1 Għax qabel fl-istess post kien hemm knisja oħra iżgħar li twaqqgħet meta nbniet dik tal-lum.
2 I wkoll m'għadhiex teżisti għax twaqqgħet wara li madwara nbniet ir-rotunda li naraw illum.
3 li kien ħa l-pussess fis-6 ta' Mejju 1891.
4 Mattew 5:1. Din il-kitba hija tixbiħa ta' San Filep jgħallem minn fuq il-għolja li tagħti fuq il-Belta ta' Agira
5 Kien ta' eżempju għalina fid-dinja, u jaqbeż għalina quddiem Alla fis-sema.